MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 401/2013

Bajada **Joseph**

**ID 829852M**

**Vs**

**Dalli Salvatore**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Lulju, 2013 fejn l-attur qed jitlob lid an it-Tribunal jordna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tlett elef u wiehed u disghin ewro (€3091) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mixtrija mill-konvenut minghand l-attur u liema l-konvenut iddikjarat li hu dovut permezz ta' skrittura ta' l-24 t'Ottubru, 2006.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-5 ta' Frar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u wiehed u disghin ewro (€3,091.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------